**- SKRITTURA PRIVATA -**

**- INTERPRETAZZJONI TA' KUNTRATT -**

**- ARTIKOLU 1002 TAL-KAP 16 -**

**- ONERU TA' PROVA FUQ MIN JALLEGA -**

**- ARTIKOLU 562 TAL-KAP 12.-**

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

## IMHALLEF.

## ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis 12 ta' Lulju, 2001

**Kawza Numru. 21**
**Citaz. Numru. 168/01/RCP.**

**Suzanne mart Neville Xuereb u minnu legalment separata**

**vs**

**Gilbert Terreni**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 1 tal-process fejn gie premess:

Illi b'skrittura privata ikkonservata min-Nutar Dottor Gerald Spiteri Maempel u maghmula f'Mejju tas-sena 1991, Dok. A. hawn anness, il-konvenut kien ikkostitwixxa ruhu a favur tal-attrici debitur cert u likwidu fis-somma ta' Lm8,000 bl-intiza li fuq din is-somma kellu jiddikorri l-imghax tat-8% u liema somma u l-imghax relattiv kellha tithallas fiz-zmien tlett snin mid-data tal-istess skrittura.

Illi l-imghax fuq is-somma mislufa ta' Lm8,000 sallum jammonta ghas-somma ta' Lm6,160 sabiex l-ammont kollu dovut sallum bejn sorte u imghax jammonta ghas-somma ta' Lm 14,160.

Illi l-attrici interpellat diversi drabi lil konvenut sabiex ihallasha s-somma lilha dovuta permess tal-ftehim fuq indikat, pero' dana sallum baqa' inadempjenti.

Illi l-istess attrici talbet li l-konvenut ghar-ragunijiet premessi u dawk li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dispensat mis-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u in vista tal-affidavit hawn anness ghaliex m'ghandiex din l-Qorti:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma fuq indikata ta' Lm 14,160.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru nru. 4017/00, dawk tal-ittri legali tal-10 ta' Novembru u tal-15 ta' Dicembru 2000 kontra l-konvenut minn issa ingunt ghas-subbizzjoni u bl-imghax ulterjuri fuq is-sorte sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 6 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Frar 2001 fejn xehed Gilbert Terreni u l-Qorti in vista tax-xhieda tal-konvenut hasset li rrizulta li l-istess konvenut ghandu eccezzjonijiet x’jaghti u ghalhekk akkordatlu ghoxrin (20) jum ghall-prezentata tal-eccezzjonijiet.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol 23 tal-process fejn gie eccepit:

1. It-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes ghaliex l-konvenut mhux debitur tal-attrici fl-ammont ta' Lm14,160 u dan ghaliex il-ftehim bejn il-partijiet kien li jekk (jew meta) il-partijiet ma jibqghux izjed flimkien huma jaghtu data

lill-dokument li iffirmaw bejniethom u minn dak in-nhar (li d-dokument jigi datat minnhom) l-konvenut ikollu tlett snin biex ihallas l-ammont ta' Lm8,000 bl-imghax skond l-istess dokument. Fil-fatt hawn anness hemm kopja tad-dokument bla data. Illi l-partijiet ma baqghux izjed flimkien fit-8 ta' Novembru 2000 u ghalhekk d-dokument ghandu jigi datat b'dik id-data. Illi bhala fatt sal lum l-partijiet qatt ma taw data lid-dokument.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol 24 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduta tad-29 ta' Marzu 2001 fejn xehed in-Nutar Gerald Spiteri Maempel, Dr Philip Manduca esebixxa fotokopja ta' dokument 'A' li bi zvista ma annettiex mal-eccezzjonijiet tieghu, u Dr Grima rtira kopja tal-eccezzjonijiet; tas-26 t'April 2001 fejn in-Nutar Gerald Spiteri Maempel esebixxa kopja originali tal-istrittura a fol 6 tal-process, xehdet l-attrici Suzanne Xuereb u Dr Kenneth Grima ghall-attrici ddikjara li m'ghandux provi aktar; tat-13 ta' Gunju 2001 fejn xehdu l-attrici Suzanne Xuereb u l-konvenut Gilbert Terreni, Dr Manduca ghall-konvenut iddikjara li m'ghandux provi aktar. Id-difensuri trattaw il-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta' Lulju 2001.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### A. MERTU TAL-KAWZA ODJERNA.

Illi f'din il-kawza l-attrici qed tallega li f'Mejju 1991 giet redatta skrittura fejn l-konvenut ikkostitwixxa ruhu bhala veru, cert u likwidu debitur verso taghha fl-ammont ta' tmien t'elef lira Maltija (Lm8,000) rapprezentanti somma ta' flus mislufa *brevi manu* minnha lill-konvent, liema ammont huwa allegat li l-istess konvenut kellu jirrestitwixxi lilha fi zmien tlett (3) snin mid-data tal-istess skrittura bl-imghax ta' tmienja (8%) fis-sena kalkulat mill-istess data u mhallas bis-sena b'lura, u allura l-konvenut huwa kreditur taghha tal-istess somma ta' Lm8,000 flimkien mal-imghax ta' 8% minn Mejju 1991, li b'kollox sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni jammonta ghall-erbatax-il elf, mija u sittin lira Maltija (Lm14,160).

Illi l-konvenut qed isostni li ma huwiex dovut l-istess ammont stante li l-ftehim bejn il-partijiet kien li jekk il-partijiet ma jibqghux iktar flimkien huma jaghtu data lid-dokument li gie iffirmat minnhom, u l-istess imghax fuq is-somma ta' Lm8,000 kellu jibda jiddekorri biss in

tlett snin mid-data hekk iktar il-quddiem indikata. Illi fil-fatt tali data ghadha qatt ma giet maqbula bejn il-partijiet ghalkemm dawn ma baqawx flimkien mit-8 ta' Novembru 2000.

B. PROVI PRODOTTI.

Illi mill-provi prodotti **in-Nutar Gerald Spiteri Maempel** xehed fid-29 ta' Marzu 2001 li l-iskrittura mertu tal-kawza odjerna giet ifformulata minnu fuq inkarigu tal-konvenut. Sostna li l-iskrittura ma gietx iffirmata quddiemu u d-data ta' Mejju 1991 fuq l-istess skrittura hija kaligrafija tieghu u saret minnu meta l-konvenut gabilu iffirmata.

Illi l-istes Nutar fil-fatt sostna li meta ingabet ghandu l-istess skrittura mill-konvenut, din kienet minghajr data, u lill-konvenut staqsih meta giet iffirmata, l-konvenut qallu li f'Mejju 1991, u allura nizzel id-data tal-istess data tal-iffirmar tal-iskrittura, liema data giet moghtija lilu mill-konvenut fuq l-istess skrittura, anke ghaliex sostna li *"jekk skrittura fejn jghidlek li inti trid thallas within so many years minghajr data mhux dokument li jien ghandi inzomm".*

Illi l-istess kompla jghid li l-konvenut ma qallu biex ibiddel xejn mill-iskrittura. Sostna li l-attrici ma kienitx prezenti ghaliex kieku d-data kien jaghmilha meta

jiffirmawha quddiemu. Il-konvenut tah l-iskrittura *for safe keeping.*

Illi meta gie mistoqsi in kontro-ezami jekk setghax ikun li l-iskrittura inghatat lilu bla data l-istess Nutar sostna li ma jistax ikun ghaliex huwa ma jzommx skritturi bla dati. Fil-fatt lill-konvenut qallu dwar l-iskrittura mhux iffirmata *"that has to be dated".* Illi l-konvenut ried li jhalliha bla data, u mistoqsi jekk il-konvenut riedx li l-iskrittura tibqa' bla data sabiex meta l-partijiet ma jibqawx flimkien huma jnizzlu dik id-data huwa qal li ma jiftakarx, pero' zgur li rieduha bla data. Kieku sar dan il-kliem lanqas kien inizzlu fl-iskrittura minghajr il-parti l-ohra. Id-data indikata ma hijiex meta l-konvenut gablu l-iskrittura izda meta l-istess skrittura giet iffirmata u minn meta kellu jiddekorri it-terminu indikat ghall-pagament fl-istess skrittura.

Illi fis-seduta tas-26 ta' April 2001 **l-attrici** sostniet li hija kienet isseparat u fl-istess sena iltaqghet mal-konvenut u iddecidew li jixtru dar, u ghalhekk hija ikkontribwiet is-somma ta' Lm8,000 minn *stocks* inglizi li kellha sabiex tinxtara l-istess dar bil-prezz ta' Lm16,000, u minhabba li kienet strangiera, l-konvenut qalilha li kien hemm diffikultajiet sabiex id-dar tinxtara fuqha wkoll min-naha tal-Lohombus, u ghalhekk l-istess dar inxtrat fuq isem il-konvenut biss.

Illi ghalhekk sabiex ikun hemm prova tal-hlas minnha lill-konvenut tas-somma ta' Lm8,000 sabiex tinxtara d-dar saret l-iskrittura indikata li gabha l-konvenut wara li kien mar ghand in-Nutar. Marru biha ghand in-Nutar bl-iskrittura iffirmata, u l-istess Nutar iddataha u iffaljaha.

Illi inkontro-ezami fit-13 ta' Gunju 2001 l-istess attrici sostniet li hija ma tiftakarx jekk iffirmatx l-istess skrittura qabel jew quddiem in-Nutar, u hija zammet kopja tal-istess dokument li pero' intilef. Damet mal-konvenut ghaxar (10) snin u tul dan iz-zmien lill-konvenut qatt ma qaltlu sabiex ihallas ghaliex hija kienet qed tghix mieghu u kienet thobbu, u staqsiethu biex ihallas id-dejn tieghu biss wara li nfirdu.

Illi l-attrici riprodotta fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2001 sostniet li hija hallset lill-konvenut l-ammont ta' Lm8,000 bl-intenzjoni li jixtru dar bejniethom u huma marru ghand in-Nutar sabiex tissalvagwardja l-interessi taghha, u hadha l-konvenut.

Illi fis-seduta tas-27 ta' Frar 2001 il-konvenut li l-iskrittura saret f'Mejju 1991, pero' giet iffirmata minghajr data u dan ghaliex jekk jinqala' xi haga jaghmlu data u l-flus jigu mhallsa fi tlett (3) snin mill-istess data, u d-data kellha tkun wara li jinfirdu, u ghalhekk id-datat kellha tkun tlett (3) xhur qabel meta infirdu. Mistosqi ghal liema data tirreferi l-kelma

"*today*" indikata fl-iskrittura huwa sostna li din terreferi ghal data meta jew wara li jinfirdu u d-data in-Nutar halliha *blank.* Id-data tnizzlet min-Nutar Gerry Spiteri Maempel. Iffirmaw quddiem in-Nutar. Id-data induna biha biss wara li infirdu u mar ghall kopja quddiem in-Nutar.

Illi l-konvenut sostna fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2001 li huma marru ghand in-Nutar u huwa abbozalhom l-istess skrittura, iffirmaw l-istess skrittura marru f'ufficju iehor u saret fotokopja tal-istess dokument u hadu kopja mhux datata tal-istess skrittura. Saret bla data stante li l-hsieb kien li l-istess data kellha titnizzel biss fuq ftehim bejniethom wara u jekk jisseparaw u it-terminu ta' tlett (3) snin jibda jaghddi biss mill-istess data.

Illi l-attrici staqsiet ghall-flus biss wara li sseparaw u in kontro-ezami sostna li jaqbel li xtara d-dar, li kienet tiswa Lm16,500, u huwa kellu flus sabiex jixtri l-istess dar, pero' isselef Lm8,000 mill-Lohombus. Illi l-ammont ta' flus tal-attrici moghtija mill-attrici intuzaw ghall-ghamara, rennovazzjoni tal-post u affarijiet ohra.

Illi l-iskop ghaliex saret l-iskrittura kienet ghaliex hija kienet selfet lilu l-flus, pero' ma jafx kif wasslu ghall-ammont ta' Lm8,000, u hija insistiet ghar-ricevuta. Illi huwa sostna li jaqbel mal-kontenut tal-iskrittura, huwa biss insista li l-ammont kellu jithallas fi zmien tlett (3)

snin mid-data tas-separazzjoni ta' bejniethom bl-imghax kif miftiehem. Qatt ma kien hemm ftehim li jixtru id-dar flimkien. Illi l-ammont ta' flus li selfet kien garantit bl-istess skrittura. Huwa joqghod fid-dar li fil-fatt xtaraha meta kien mal-attrici.

Illi l-Nutar qal li nizzel id-data ta' Mejju 1991, pero' dan ma sarx quddiemu, jekk saret wara ma jafx. Huwa sostna li id-dokument gie iffirmat quddiem in-Nutar, mar f'ufficju iehor u ghamel fotokopja. In-Nutar inkarigah huwa, u d-dokument gie preparat fuq dak li qallu l-konvenut, u kull ma qal lin-Nutar kien biss li spjegalu x'kien qed jaghmel. Id-dokument gie moqri lilhom.

## C. Apprezzament tal-Provi.

Illi huwa principju generali fl-interpretazzjoni tal-kuntratti dak stabbilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 16** u cioe' li meta *"il-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu taz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni".*

Illi fil-fatt il-kliem indikat fl-iskrittura privata redatta u abbozzata min-Nutar Gerald Spiteri Maempel huwa car fih innifsu u fil-fatt mill-istess skittura originali a fol. 52 tal-process u esebita mill-istess Nutar jirrizulta li l-konvenut ikkostitwixxa ruhhu bhala veru cert u likwidu

debitur verso l-attrici fl-ammont ta' Lm8,000 liema ammont kellu jithallas lura bil-mod segwenti:-

*"The borrower Gilbert Terreni promises and binds himself to repay the said sum of Lm8,000 to the lender Suzanne Xeureb who accepts within three years from today together with interest at eight per centum (8%) per annum reckonable from today and payable yearly in arrears".*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti il-kliem tal-istess skrittura huwa carissimu u certament li ma hemm l-ebda lok ta' interpretazzjoni tal-istess.

Illi dan japplika fil-kors normali tal-affarijiet pero' f'din l-iskrittura l-konvenut qed isostni li d-data in iskritt *"May 1991"* , li allura tigi id-data ukoll minn meta kellu jibda' jiddekorri l-imghax skond l-istess skrittura u wkoll id-data minn meta it-terminu ta' tlett (3) snin ghar-rifuzzjoni tal-ammont misluf kellu jiddekorri, ma kienitx tezisti meta giet iffirmata l-istess skrittura u lanqas meta din l-istess skrittura giet moghtija lin-Nutar ghall-*safe keeping* izda saret min-Nutar wara ghar-ragunijiet li l-konvenut ma kienx jaf jispjega, u dan ghaliex skond il-konvenut id-data kellha tigi iffissata biss jekk u meta l-partijiet li kienu jghixu flimkien jinfirdu u dan bi qbil bejniethom, u la darba infirdu biss f'Novembru 2000 tali terminu ghar-

rifuzzjoni kellu jibda jghaddi biss mill-istess data u hekk ukoll it-terminu tad-dekorrenza tal-imghax.

Illi huwa ovvju li sabiex din l-eccezzjoni tirnexxi huwa l-istess konvenut li ghandu l-oneru tal-prova tal-istess kemm ghaliex l-allegazzjoni hija tieghu u skond l-**artikolu 562 tal-Kap 12** *"l-obbligu ta' prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah"* u wkoll tenut kont tal-fatt li mill-iskrittura innifisha esebita fl-original taghha bhala Dok. "GSM" a fol. 52 tal-process, tali skrittura jidher li saret bid-data ta' Mejju 1991.

Illi din l-impresa tal-konvenut tidher li hija iktar difficli minhabba l-fatt li tali skrittura originali giet ikkonfermata min-Nutar li idderigiha u li zammha ghandu fuq rikjesta tal-partijiet u partikolarment tal-konvenut innifsu, tant li l-istess Nutar sostna b'mod kategoriku li kien huwa li nizzel id-data tal-istess skrittura hekk kif l-istess skrittura inghatat lilu mill-istess konvenut minghajr data, u l-istess data saret quddiem il-konvenut zgur, u dan ghaliex huwa ma kienx ser jaccetta skrittura minghajr data anke ghaliex ghalih ma huwiex dokument jekk dan ma jkunx fih data specjalment tenut kont tal-kontenut tal-istess skittura fejn id-data tal-istess kienet tistabixxi it-terminu tar-rifuzzjoni tal-ammont lill-attrici tal-ammont misluf lill-konvenut u wkoll tad-data meta jidekorri l-imghax.

Illi tenut kont tal-istess xhieda tan-Nutar li tikkoroboraha l-kontenut tal-istess skrittura, u tenut kont tal-provi prodotti fosthom li l-istess konvenut sostna u ammetta li huwa kien il-persuna li inkarigat lill-istess Nutar, li huwa spjega lill-istess Nutar ghaliex ried jaghmel l-iskrittura, li huwa qara l-kontenut tal-istess skrittura, li n-Nutar qara l-kontenut tal-istess skrittura, u li l-*kaligrafija* tal-istess data hija dik tal-istess Nutar li rrediga l-istess skrittura, huwa difficli hafna kif il-versjoni tal-konvenut tista' tigi akkolta jew addirittura titwemmen.

Illi dan qed jinghad ukoll fl-isfond tal-fatt li l-istess konvenut sa mill-ewwel seduta quddiem din il-Qorti ammetta wkoll li d-data li kienet iffirmata fl-istess skrittura mill-partijiet hija dik ta' Mejju 199I tant li fil-fatt fis-seduta tas-27 ta' Frar 2001 fuq mistoqsija tal-Qorti l-istess konvenut irrisponda hekk:-

*"Il-Qorti:*
*"Ara Sur Terreni, din l-iskrittura, taf li saret?".*

*Xhud:*
*"Yes".*

*Il-Qorti:-*
*"Taf li ghamiltu dik l-iskrittura. Meta saret?"*

*Xhud:*
*“F’Mejju 1991”.*

*Il-Qorti:*
*“F’Mejju ’91 ghamiltha dik l-iskrittura?”.*

*Xhud:*
*“Ehe, minghajr data”.*

Illi minn dan il-bran ta’ xhieda jirrizulta li fl-istess nifs il-konvenut qed isostni li l-iskrittura saret u giet iffirmata f’Mejju 1991, proprju id-data tal-istess skrittura u ftit wara qed jghid li l-istess skrittura giet iffirmata minnhom bla data.

Illi huwa ovvju u logiku u konformament mal-kontenut tal-istess skrittura li jekk l-partijiet qed jaqblu li l-istess skrittura giet iffirmata f’Mejju 1991, mela allura id-data tal-istess skrittura hija proprja dik indikata fuqha ta’ Mejju 1991 u allura it-termini indikati ghall-pagament tal-istess somma indikata fl-istess skrittura u ghad-dekorenza tal-pagament kellhom jghaddu mill-istess data.

Illi mhux hekk biss izda konsidrat il-fatt li kien il-konvenut li *ex admissis* inkariga lin-Nutar sabiex jabbozza l-istess skrittura, u dan wara li l-konvenut spjegalu r-raguni ghaliex ried tali dokument, il-konvenut ma offra l-ebda spjegazzjoni sabiex jispjega

ghaliex in-Nutar kellu jzid data ta' skrittura minn wara dahar il-partijiet u minghajr mal-konvenut kien jaf bl-istess.

Illi wkoll jinghad li l-versjoni tal-konvenut fejn huwa qal lin-Nutar li huma ma riedux inizzlu data fuq l-istess skrittura ghaliex il-partijiet kienu dak iz-zmien qed jghixu flimkien u l-iskrittura giet depozitata bla data ghand in-Nutar, lanqas hija kredibbli, u dan ghaliex kif wiehed allura jispjega l-fatt li kumbinazzjoni id-data tal-iskrittura kellha tikkombacci perfettament, kif ammess mill-konvenut, mad-data meta giet iffirmata l-istess skrittura.

Illi anzi jinghad li kieku bhala fatt kien minnu li kien accettat mill-partijiet li tali skrittura kellha tkun bla data, u kieku din fi kliem il-konvenut kienet accettata min-Nutar, ma kienitx tkun relevanti ghat-tezi tal-konvenut meta giet iffirmata l-istess skrittura. Illi min-naha l-ohra l-fatt li tali data tal-iskrittura taqbel perfettament nonostante id-dekors taz-zmien mad-data meta effettivament giet iffirmata l-iskrittura mill-partijiet juri li tali data mhux biss kienet relevanti, izda l-partijiet kienu konoxxenti taghha u tas-sinifikat taghha wkoll ghaliex giet spjegata lilhom mill-istess Nutar.

Illi dan huwa iktar relevanti meta wiehed jikkonsidra li t-termini indikati fl-istess skrittura kienu jirreferu ghad-

data indikata bhala *"today"* fl-istess skrittura u l-kelma *"today"* ma setghatx tkun tfisser hlief id-data meta giet iffirmata l-istess skrittura u meta sar ir-rikonoxximent tad-debitu da parte tal-konvenut a favur l-attrici.

Illi dan jikkombaci perfettament mar-retroxena li holqot in-necessita' tal-istess skrittura skond kif allegat mill-attrici, u cioe' li l-partijiet li kienu qed jghixu flimkien kellhom jixtru dar bejniethom, u l-attrici ikkontribwiet Lm8,000 ghall-istess, li jigi kwazi nofs il-prezz tal-fond mixtri fl-ammont ta' Lm16,500, u peress li l-attrici kienet ingliza, u minhabba xi diffikultajiet ghal xiri tad-dar minn persuna mhux cittadina ta' dan il-pajjiz u ghal self sabiex tigi akkwistata l-istess dar, il-post gie akkwistat biss f'isem il-konvenut, u allura sabiex l-attrici tissalvagwardja l-interessi taghha fis-somma ta' Lm8,000 saret din l-iskrittura.

Illi tali skrittura bla data u in vista tal-kontenut taghha ma tfisser xejn, iktar u iktar meta l-allegazzjoni tal-konvenut kienet li id-data minn meta huwa rifondibbli l-ammont misluf kellha tkun stabbilita' bi ftehim bejn il-partijiet sussegwenti ghall-firda taghhom li certament mhux iz-zmien li jiftehmu fuq data l-partijiet, kif anke l-istess partijiet urew fil-kawza innifisa fejn kien hemm certa animosita' bejn il-partijiet hergin minn relazzjoni ta' cirka ghaxar (10) snin bejniethom. Certament li din il-versjoni tal-konvenut lanqas biss hija verosimili.

Illi wkoll la darba l-konvenut kellu l-oneru tal-prova ta' dak li huwa stess allega jirrizulta li mhux biss ma ma ppruvahx imma addirittura dak minnu allegat lanqas jirrizulta mill-istess skrittura - ghaliex kieku l-versjoni tieghu kienet korretta u veritiera - l-abbozz tal-iskrittura li saret fuq struzzjonijiet tieghu kien jikkontjeni li d-data minn meta kellhom jiddekorru it-tlett snin imsemmija fl-iskrittura kellhom jibdew jghaddu biss minn data futura stabbilita bejn il-partijiet wara li l-istess jinfirdu jew mid-data meta jinfirdu; fil-fatt jista' jinghad li l-kliem tal-istess skrittura, u dan apparti id-data ma hemm xejn mill-versjoni allegata mill-konvenut, u ghalhekk jinghad ukoll li ghal din ir-raguni wkoll l-versjoni tal-konvenut ma tistax tigi accettata ghaliex kontradetta mill-istess skrittura privata iffirmata minnu, apparti mix-xhieda l-ohra kollha prodotti.

Illi fuq kollox l-kuntratti ghandhom jigu ikkunsidrati li saru *in buona fede* u s-sinifikat taghhom ghandu jittiehed ukoll li jaghti effett lill-istess ftehim.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan li :-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma fuq indikata ta' erbatax il-elf, mija u sittin lira Maltija (Lm 14,160).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Nru. 4017/00, dawk tal-ittri legali tal-10 ta' Novembru 2000 u tal-15 ta' Dicembru 2000 u bl-imghax ulterjuri fuq is-somma kapitali ta' tmien t'elef lira Maltija (Lm8,000) mid-data tan-notifika tac-citazzjoni sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**12 ta' Lulju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**12 ta' Lulju, 2001**